BIRGU
Citta` Vittoriosa

# Kunsill Lokali Birgu

**Head Office** - Couvre Porte - Birgu BRG 1810 Tel : 21662166 Fax : 21662266
**Front Office** – Auberge d'Angleterre, Triq il-Majjistral., Birgu BRG 1270 Tel/Fax: 21802707
e.mail : birgu.lc@gov.mt website : www.birgu.gov.mt

26 t'Ottubru, 2010

## Minuti tal-laqgha 49(05)

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa' ghal-laqgha numru 49(05) fil-Berga ta' Franza nhar it-Tnejn 4 ta' Ottubru, 2010 fil-5:30 ta' filghaxija.

### Prezenti

Is-Sur John Boxall - Sindku, s-Sur Christopher Cassar – Vici Sindku, s-Sinjura Miriam Grech - Kunsilliera u s-Sinjura Judith Saliba – Kunsilliera.

Is-Sur Ivan Peresso – Kunsillier kien assenti.

### Talba

Is-Sindku, s-Sur John Boxall qal it-talba u ta bidu ghal-laqgha.

### 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tal-laqgha 48(05) ittiehdu bhala moqrija.

1.1 Item 1.2 (48/05) – Decizjoni dwar it-tender ghax-xiri u nstallazzjoni ta' *generator* ghal Berga ta' Franza.

Is-Sindku talab lis-Segretarja Ezekuttiva sabiex wara l-attivitajiet ta' Birgufest 2010 issir laqgha mal-Perit Mark John Scicluna, kif ukoll ma' l-Engineer Renzo Curmi sabiex tigi diskussa l-possibilita li jigi nstallat *generator* fuq il-bejt tal-Berga ta' Franza izghar min dak propost. .

1.2 Item 2.1(48/05) Hruq tan-nar mill-area maghrufa bhala 'Tal-Glaziz'

Is-Sindku talab sabiex din il-kwistjoni tigi diskussa ma' l-avukata tal-Kunsill Dr. Ingrid Zammit Young, biex tinstab triq kif dan l-agir jitwaqqaf u jittiehdu l-passi kollha necessarji relatati ma' dan il-kaz..

1.3 Item 2.2 (48/05) Applikazzjoni ghal premjijiet nazzjonali ghall-appogg lill-intraprizi

Is-Sindku, s-Sur John Boxall, informal ill-Kunsilliera prezenti li hu kellu laqgha mas-Sur Melvin Schembri u s-Sur Mikael Zarb, kif ukoll mas-Sur Melvin Degiorgio sabiex il-filmati u r-ritratti mehuda waqt il-Birgufest jitlestew sabiex jidhlu ma' din l-applikazzjoni, ghax bihom il-Kunsill ikun qieghed aktar japprova u jissostanza l-applikazzjoni tieghu.

1.4 Item 2.3 (48/05) Gbid ta' filmat mil-kumpanija Square Wheel Entertainment mil-area maghrufa bhal 'Il-Glaziz'

Is-Sindku ssuggerixxa sabiex jekk jintalab il-permess minn din il-kumpanija biex isir gbid ta' filmat fil-Birgu l-istess kumpanija ghandha tikkonsida li taghti donazzjoni lil Kunsill Lokali tal-Birgu u dan minhabba l-fatt li l-filmati ta' din il-kumpanija issa qed issiru fuq livell kummercjali. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.5 Item 3 (48/05) Jum il-Birgu

Is-Sur John Boxall, Sindku talab lis-Segretarja Ezekuttiva sabiex taghmel kuntatt mas-Sur Lino Bugeja sabiex tinghata ezattament id-data meta gie kkonstitwit ghall-ewwel darba il-Kunsill Popolari fil-Birgu. Dan sabiex l-istess Kunsill ikun f'qadgha ahjar ta' meta dan il-jum ghandu jigi ccelebrat.

## 2 Korrispondenza

2.1 Invit mill-Fondazzjoni Ideat ghal seminar bit-titlu 'Anzjanita – Opportunita u Sfida' li ser issir fis-16 t'Ottubru 2010 gewwa d-Diplomat Hotel, Sliema. Wara diskussjoni, rrizulta li hadd ma jista' jattendi ghal dan is-seminar.

2.2 Talba mis-Sur Massimo Ellul sabiex nhar is-Sibt 16 t'Ottubru ssir attivita fil-Belt tal-Birgu fejn zewg baned u zewg gruppi folkloristici, mill-Italja jaghmlu esebizzjoni fil-Birgu. Wara diskussjoni gie deciz li din l-attivita ser tkun taht ir-responsabilita tal-Kunsilliera Miriam Grech u tal-Kunsilliera Judith Saliba. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.3 Ittra minghand il-Kumitat tar-Regjun Xlokk dwar il-hrug tat-tender dwar is-sistema ta' LES. Wara diskussjoni, s-Sindku ssuggerixxa sabiex din l-ittra tigi mwiegba fejn issir

mistoqsija kif ser tigi affettwata s-sistema approvata ghall-parkegg tar-residenti. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.4 Is-Sindku pprezenta kwotazzjoni ghas-sistema ta' CCTV cameras fil-binja amministrattiva tal-Kunsill minghand il-kumpanija "Fomenco – safety and security". Wara diskussjoni, l-Kunsilliera Miriam Grech issuggeriet sabiex tintalab kwotazzjoni fit-totalita taghha kemm ezattament ser tigi l-ispiza ta' din is-sistema. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 3 L-ahhar zvilupp dwar l-attivita ta' Birgufest 2010

Is-Sur John Boxall, Sindku, ta rendikont ta' l-ahhar preparamenti ghall-attivita tal-Birgufest 2010.

Hawnhekk is-Sindku pprezenta ittra mill-Kumitat Festi Esterni San Lawrenz fejn offrew li ghal din l-attivita jarmaw bla hlas diversi toroq fil-Birgu. Barra minn hekk s-Sindku zied jghid li l-Kumitat Festi Esterni San Duminku wkoll offra li ghal din l-attivita jarma diversi toroq fil-Birgu. Hawnhekk is-Sindku ghan-nom tal-Kunsill irringrazzja liz-zewg kumitati tal-Festi Esterni.

## 4 Zjara ta' wiehed mill-Kummissarji ta' l-Unjoni Ewropea fil-Birgu

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li nhar is-Sibt 9 t'Ottubru, zewg raprezzentanti, f'pozizzjoni importanti fl-Unjoni Ewropea ser izuru l-Kunsill Lokali tal-Birgu, fil-Berga ta' Franza.

## 5 Zvilupp dwar il-progett iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea, il-progett SECRET

Is-Sur John Boxall, Sindku, nforma lill-Kunsilliera prezenti li hu flimkien ma' l-iskrivana, s-sinjura Moira Azzopardi, responsabli min dan il-progett attendew 'SECRET' li saret bejn l-16 u t-18 ta' Settembru 2010 gewwa Riga, Latvia

Hawnhekk is-Sindku ta rendikont dwar dan il-progett u nforma lill-Kunsilliera li l-konferenza li jmiss huwa ppjanat li ssir fix-xahar ta' Dicembru, gewwa Slovakja.

## 6 Zvilupp dwar il-progett iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea, il-progett 'Seatoland'

Is-Sindku, s-Sur John Boxall, ta rendikont tal-kick off meeting tal-progett 'Seatoland' li hu flimkien mas-Segretarja Ezekuttiva responsabli min dan il-progett attendew ghalih bejn is-27 u t-28 ta' Settembru 2010 gewwa Seville fi Spanja. Is-Sindku ssuggerixxa sabiex permezz ta' dan il-progett li huwa ffinanzjat mill-Unjoni Ewropea jsir progett biex jissebbah it-tarag li ta' Sally Port, l-area maghrufa bhala 'It-Toqba' u jsir tip ta' dawl anti vandal. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**7 Il-progett 'Traditional Music and Instruments – Connecting Cultures'**

Is-Sindku pprezenta ghall-approvazzjoni tal-Kunsill , l-applikazzjoni ghall-progett 'Traditional Music and Instruments – Connecting Cultures', progett li l-budget totali tieghu huwa Eur4,000,000 b'50% kofinanzjament mill-Unjoni Ewropea bil-*lead partner* tkun il-Belt ta' Estoudiantina Neas Ionias mil-Grecja. Din l-applikazzjoni giet approvata unanimament mil-Kunsilliera prezenti.

**8 Prezentazzjoni tal-Budget ghas-sena finanzjarja 2010**

Is-Sindku pprezenta ghall-approvazzjoni tal-Kunsill l-Budget ghas-sena finanzjarja 2010. Is-Segretarja Ezekuttiva, s-Sinjorina Christine Bonello, tat spjegazzjoni ta' dan id-dokument. Wara diskussjoni, s-Sindku ssuggerixxa sabiex il-Kunsill japprova l-budget ipprezentat. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**9 Affarijiet Ohra**

9.1 Il-Kunsilliera Miriam Grech gibdet l-attenzjoni li kuljum fi Triq La Vallette qed ikun hemm karozza pparkjata fuq id-double yellow line.

9.2 Is-Sindku, s-Sur John Boxall, informa lill-Kunsilliera prezenti li l-Kunsill ghadu ma rcieva l-ebda risposta mill-Walled Towns Friendship Circle dwar is-shubija tal-Belt tal-Imdina f'din l-assocjazzjoni.

9.3 Is-Sindku pprezenta ghall-approvazzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti dovuti mill-Kunsill. Wara diskussjoni, s-Sindku ssuggerixxa sabiex din il-lista tigi approvata. Il-Vici Sindku, s-Sur Christopher Cassar, issekonda u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Il-laqgha ntemmet fil-7:45 ta' filghaxija u ma gietx aggornata, dan sabiex il-laqgha li jmiss issir meta jkun jista' l-Kunsillier Ivan Peresso.

____________________________ ____________________________

Christine Bonello — ikkonfermati John Boxall

Segretarja Ezekuttiva — Sindku